MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru 7/2010

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
ODETTE MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, Odette Micallef, ta’ 21 sena, bint Saviour u Emanuela nee’ Agius, imwielda l-Pieta’, fl-10 ta’ Marzu, 1988 u residenti fil-fond: Nru. 54, Flt. Nru. 3, ‘St.Ives’, Triq is-Silla, Wied il-Ghajn u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 132788(M).

Illi hija akkuzata talli:

A) Talli fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Dicembru, 2009 u l-1 ta’ Jannar, 2010, b’eghmil zieni, ikkorrompiet lil *Ommissis A*, minn *Ommissis R*, liema persuna hi taht l-eta’, tas-sess oppost;

B) Akkuzata talli, fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), ecitat, ghenet jew iffacilitat il-korruzzjoni ta' persuni taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor, cioe lil *Ommissis A*, minn *Ommissis R*.

U aktar illi hija akkuzata talli, fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru, 2009 u l-1 ta' Jannar, 2010, naqset milli thares kundizzjoni li giet imposta mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., fid-Digriet li gie moghti nhar il-15 ta' Dicembru, 2004 u li bih inghatat il-helsien mill-arrest u dana bi ksur ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Ligijie ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att. Nru. 16 ta' l-2006;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.24) u dak ta' l-imputata (fol.7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-mori ta' din il-kawza, l-genituri ta' l-allegat vittma, *Ommissis A*, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputata bil-gurament u dana wara illi l-Qorti fehemet il-konsegwenzi ta' rinunzja lill-istess genituri. Il-Qorti rat ukoll l-obbligazzjoni ta' l-imputata li ma tibqax tirrisjedi fit-Triq *Ommissis Q*, anke fil-futur, u li ma tkellimx lil minuri jew il-familja taghha.

Illi, in vista ta' dana kollu, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------